**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 8 ta' Jannar 2018**

**Rikors Numru 49/2017**

**Silvan Seisun**
**vs**
**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, maghrufa bhala Transport Malta**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ipprezentat minn **Silvan Seisun** fl-1 ta' Settembru 2017 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:

*"Li huwa gie mgharraf illi b'decizjoni tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta li ggib id-data tal-21 ta' Lulju 2017, u li sar jaf biha granet ferm wara, fejn qieghed jinghad illi nghata sentenza fid-19 ta' Jannar 2015 meta kien instab hati matul il-hames snin ta' reat li jista' jehel piena dwaru ta' zmien ta' prigunerija ta' tlett xhur jew aktar, jew multa ta' mill-inqas €465.87.*
*Filfatt l-istess Silvan Seisun ma kellux l-ebda piena ta' habs illi twassal ghal tlett xhur u dan peress li kien kaz ta' manteniment illi hija kontravenzjoni fil-parti tal-kontravenzjonijiet. Il-piena tal-kontravenzjonijiet hi detenzjoni u mhux prigunerija.*
*Imma filfatt huwa hallas l-ammont ta' manteniment li kellu dovut u fl-appell is-sentenza nbidlet u ma kien hemm l-ebda piena karcerarja.*
*Illi ghalhekk l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta qieghda tibbaza l-kaz taghha l-ewwelnett fuq aspett zbaljat tal-ligi u anke ultra vires ghaliex fuq kontravenzjoni, meta hemm biss detenzjoni ma tistax tigi applikata ligi ta' dik in-natura li tissospendi l-licenzja ta' xufier.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dan it-Tribunal jogħġbu jirrevoka d-deċiżjoni tal-21 ta' Lulju 2017 tal-Awtorita' tat-Trasport f'Malta. "*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` intimata** ipprezentata fid-29 ta' Settembru 2017 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

*"Illi l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk dawn il-proceduri huma frivoli u vessatorji hekk kif ser jiġi muri fil-kors ta' dawn il-proceduri;*
*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-su-eċċepit, id-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata hija raġjonevoli, ġusta u legali u, konsegwentement, għandha tiġi kkonfermata in toto u l-proceduri mressqa mir-rikorrenti għandhom jiġu riġettati bl-ispejjeż;*
*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-su-eċċepit, kif afferma r-rikorrent stess fl-att promotur, huwa reċentement applika mal-Awtorita' intimata għat-tag tiegħu bħala xufier ai termini tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur. Tali process jesiġi li l-Awtorita' intimata tosserva r-regolamenti li jinsabu fis-seħħ meta ssir tali applikazzjoni, ossia osservanza u adempiment tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 u dan a bazi tal-prinċipju ta' tempus rigit actum. Illi fid-data tal-applikazzjoni tar-rikorrent, ir-regolament 130(A)(4)(b) kien jippreskrivi hekk: "Persuna ma tkunx meqjusa li hi ta' kondotta tajba jekk ... tkun instabet ħatja, matul l-aħħar ħames snin, ta' reat li tista' teħel piena dwaru ta' żmien ta' priġunerija ta' tliet xhur jew aktar jew multa ta' mill-inqas erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċentezmu (€465.87)."L-operat tal-Awtorita' intimata f'dan il-każ kien li ssegwi din il-liġi. Għalhekk, id-deċiżjoni tagħha kienet, u għadha, waħda ġusta u leċita;*
*4. Illi b'estensjoni għall-eċċezzjoni preċedenti, jiġi sottolinejat illi hemm ċerti okkupazzjonijiet u professjonijiet li biex wieħed ikun jista' jipprattikahom irid ikollu kondotta tajba u li jekk dan ma jkunx il-każ, jista' ma jitħalliex jipprattikahom jew, jekk ikun qed diġa' jipprattikahom, jista' fl-interess tas-soċjeta' ma jitħalliex ikompli jipprattikahom billi jew titneħħielu l-warrant bħal fil-każ ta' professjonisti bħal avukati, tobba, spiżjara, eċċetera, jew okkupazzjonijiet oħra bħal dik tar-rikorrent. Dan hu s-sens tar-regolament ċitat supra;*
*5. Għaldaqstant it-talbiet kollha tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra tagħha."*

Ra d-dokumenti pprezentati;

Ra dak verbalizzat mid-difensur tal-Awtorita` intimata fis-seduta tas-7 ta' Diċembru 2017 fejn ġie dikjarat illi r-rikorrent għandu jingħata t-*tag* peress li l-Awtorita`intimata imxiet fuq fedina penali li kienet tikkontjeni xi żbalji;

Ra li d-difensur tar-rikorrent irrileva lii minkejja li l-Awtorita` intimata stqarret li kienet żbaljata fid-deċiżjoni tagħha xorta kienet qiegħdha tinsisti li r-rikorrent għandu jerġa' japplika għat-tag u għalhekk l-istess difensur talab li tingħata sentenza in vista li l-iżball tal-Awtorita` involvih f'inkonvenjent u spejjeż;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 21 ta' Lulju 2017 li permezz taghha gie mgharraf illi l-applikazzjoni tieghu ghal permess ta' xufier kienet qed tigi rifjutata peress li nghata sentenza fid-19 ta' Jannar 2015 fejn kien instab hati ta' reat li jista' jehel piena dwaru ta' mill-inqas tlett xhur prigunerija jew multa ta' mill-inqas erba' mija u hamsin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87).

It-Tribunal ra s-sentenza esebita bhala Dokument MD3 a fol. 25 u wkoll il-fedina penali esebita bhala Dokument MD2 a fol. 21 *et sequitur* tal-process. Mis-sentenza esebita jirrizulta illi r-rikorrent gie misjub hati li hebb u kkaguna feriti hfief fuq terzi filwaqt li gie liberat minn zewg reati ohra. Illi ghal dan ir-reat l-imputat gie marbut b'obbligazzjoni personali ai termini tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali liema obbligazzjoni inghatat flok il-piena relattiva ghar-reat imwettaq minnu. **Illi l-istess reat igorr mieghu piena minn xahar sa tliet xhur prigunerija jew multa ta' massimu ta' elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittinċenteżmu (1,164.69) u minimu ta' tlieta u għoxrin euro u disgħa ugħoxrin ċenteżmu (23.29) jew it-tnejn flimkien**. Illi kwindi tali piena mhix dik citata mill-Awtorita` intimata fid-decizjoni appellata. Illi l-fedina penali ma tirriflettix id-decizjoni tad-19 ta' Jannar 2015 stante li minnha ma jirrizultax illi l-imputat gie liberat minn zewg reati u misjub **hati biss li kkaguna feriti hfief**. Ghaldaqstant l-Awtorita` intimata qieset li l-imputat gie misjub hati fuq ir-reati kollha mnizzla fuq l-istess fedina relatati mas-sentenza tad-19 ta' Jannar 2015. **Illi t-Tribunal ma jistghax ma jikkummentax illi l-mod kif qeghdin jigu redatti l-fedini penali m'hu xejn felici. Il-fedina penali ghandha tirrifletti d-decizjoni li tinghata wara procediment kriminali u jekk persuna tkun giet liberata minn xi akkuza din ghandha tirrifletti tali liberazzjoni.**

Illi l-Awtorita` intimata, fit-trattazzjoni orali taghha, issottomettiet li li kieku r-rikorrent gibed l-attenzjoni taghha fil-waqt hija kienet tirrevedi d-decizjoni taghha. Issottomettiet ukoll li hi hadet zball tort tal-fedina penali zbaljata redatta mill-Kummissarju tal-Pulizija u li ghalhekk ma kellhiex tigi tenuta responsabbli ghall-ispejjez inkorsi.

Illi mill-atti jirrizulta illi r-rikorrent kiteb lill-Awtorita` intimata wara li rcieva l-pre-avviz li ma kienx se johrog il-permess. Pero` jirrizulta illi huwa kien taht l-impressjoni li l-Awtorita` intimata kienet qed tirreferi ghal xi kawza ta' manteniment li wkoll inghatat sentenza dwarha. Madankollu dan ma kienx il-kaz. Pero` dan id-dizgwid ma jitfghax xi piz fuq ir-rikorrent. Kienet l-Awtorita` intimata li kkommettiet l-izball ghax strahet fuq informazzjoni mhux korretta li gabret mill-fedina penali tar-rikorrent. Ghaldaqstant l-izball li sar ma

jistghax jigi spustat fuq ir-rikorrent. **Lanqas ma r-rikorrenti ghandu jerga' jigi mitlub japplika ghall-permess *de quo* kif sostniet l-Awtorita` intimata fil-kors ta' dawn il-proceduri. Huwa ghandu jitpogga fl-istess posizzjoni qabel inghatat id-decizjoni appellata u kwindi l-Awtorita` ghandha tohrog it-*tag* minghajr il-htiega li terga' ssir applikazzjoni.**

Illi ghalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma illi filwaqt li kjarament id-decizjoni appellata ghandha tigi revokata, l-ispejjez ghandhom jigu sapportati mill-Awtorita` intimata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti, ghar-ragunijiet fuq esposti qieghdha tilqa' l-appell tar-rikorrenti u tirrevoka d-decizjoni tal-21 ta' Lulju 2017, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**